MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Numru. 1094/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**GIUSEPPE SALIBA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppe Saliba, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 419556 (M).

**Akkuzat talli:**

Fil-15 ta` Awissu, 2012 ghal habta tal-erbgha ta` wara nofs in-nhar (16:00hrs) fi Triq in-Nirien, Siggiewi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara volontarja fuq bieb tal-*aluminium*, bieb ta` *garage*, bank tal-injam u hames *pots* tal-qsari li huma propjeta tal-ex mara tieghu Maria Theres Saliba li hu legalment separat minnha, liema hsara tiskorri il-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux l-elf mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu u lil uliedu biza li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew il-propjeta` ta` dawn axxendenti jew dixxendenti ahwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) meta jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk biza`.

Akkuzat ukoll talli hu sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta` Malta, Magistrat Dr. Anthony Mizzi, LL.D., li ggib id-data ta` 13 ta` April, 2011 liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tinbidel.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Rat l-artikoli indikati u cioe` Artikoli 325 (b), 338 (bb) (dd) u Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll Artikolu 251 B (1) tal-istess Kapitolu.

Il-Qorti, rat l-imputazzjonijiet, semghet ix-xhieda, innotat li l-imputat obbliga ruhu li jhallas mija u tnejn u tmenin Euro (€182) fi zmien xahar lil-Avukat tal-kontro parti u wkoll li ma jersaqx lejn id-dar t’abitazzjoni ta’ martu u uliedu.

Il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah taht dak li jghid l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghal zmien sena (1) mil-llum u fin-nuqqas jehel hames mitt Euro (€500) penali, kif ukoll li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------